# Il-Ħadd 01.12.2019

1. Illum 1/12, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

2. Il-Ġimgħa 6/12, **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

3. Il-Ħadd 8/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent** - **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**:
   - Fl-10:00am - Nistedinkom biex ningħaqdu flimkien fil-knisja kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi għaċ-ċelebrazzjoni li fiha jinqara id-digriet tat-twaqqif tal-Kolleġġjata u tal-Kapitlu Ġorġjan, u wara ssir l-Investitura tal-ewwel Kanonċi tal-Kapitlu, fosthom tiegħi, mill-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awżiljarju.

4. Avviżi oħra:
   - Mill-Ħamis 5/12 sal-Ħadd 8/12, fejn il-bieb tal-knisja, ser ikun hemm min ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija li tittella' qrib il-Milied. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja. Napprezzaw kull koperazzjoni.

5. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
   - Illum 1/12, il-pjazza ta' Ħal Safi ser tkun magħluqa għat-traffiku, inkluż it-trasport pubbliku, bejn is-7:00am u 11:00am. Niskużaw ruħna ta' kull inkonvenjent, filwaqt li nitolbu l-koperazzjoni tagħkom.
   - Is-Sibt 7/12, il-Każin Banda San Pawl, flimkien mal-Kunsill Lokali u r-Reġjun tan-Nofsinhar, qed jistednukom għall-Kummiedja *'In-Neputija tal-Kappillan'* mtella' mis-*Safi Drama Group* u *ż-Żgħażagħ Pawlini* fis-Sala tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi. Tibda fit-8:00pm. Biljetti mill-Każin Banda San Pawl u mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Kulħadd mistieden.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 205 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 20 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni taċ-Ċimiterju.

   Grazzi mill-qalb.